MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 3/2008

**Michael George Done**

**vs**

**Rimus Riley Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Ottubru, 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni parzjali fl-ismijiet premessi:-

“**<u>1. Introduzzioni</u>**

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avukat Ian Crockford f’isem l-Appellant Michael George Done fis-6 ta' Gunju 2006 fejn gie allegat li l-Appellant kien gie licenzjat ghal raguni li allegatament mhix gusta minn mas-socjeta appellata Rimus Riley Limited fl-4 ta’ Mejju 2006. L-Appellant kien assistit mill-Avukat Christian Grima. Il-Kumpanija Appellata li

kienet assistita mill-Avukat Paul Farrugia tichad dan. Hija ssollevat eccezzjoni preliminari fis-sens li artikolu mill-kuntratt ta' impieg ma’ l-istess Appellant kien jaghtiha l-fakolta li titterminalu l-impieg tieghu b'semplici *notice* ta' xahar.

**2. Fatti tal-Kaz**

Fit-12 ta' Jannar tal-2004 il-Kumpanija Appellata ffirmat kuntratt ta' servizz mal-Appellant bhala *Export Manager.* Il-kuntratt kien ghal zmien indefinit soggett biss ghal *probation* ta' tnax il-xahar. Izda l-Artikolu 4 jghid testwalment: *"After the end of the probationary period, either party has to give one month notice in writing expressing his wish to terminate the agreement".* Il-Kumpanija Appellata tirritjeni li kienet qed tagixxi skond il-ftehim patwit meta tterminatlu l-kuntratt wara li taghtu d-dovut *notice* u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma kellux jikkonsidra t-talba tal-Appellant. L-Appellant mill-banda l-ohra jghid illi skond artikolu 42 tal-Kap 452 kull kondizzjoni fil-kuntratt li hija anqas favorevoli minn dak li hemm fl-Att ghandha tigi sostitwita b'dak li fil-fatt hemm fl-Att. Ghaldaqstant il-kundizzjoni ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu kif imnizzla fil-kuntratt ma kienitx valida.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Irid jinghad li kuntratt liberament iffirmat minn zewg partijiet ghandu sahha ta' ligi, *pacta sunt servanda.* Il-kundizzjonijiet hemm imnizzla ghandhom jigu rispettati. Izda fil-kaz partikolari ta' kuntratt ta' xoghol il-ligi tipprovdi biex kundizzjonijiet inferjuri ghal dawk specifikati fl-istess ligi ma jghoddux u fil-fatt dawn jigu sostitwiti b'dak li hemm fil-ligi. L-artikolu 42 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 jghid testwalment "Jekk mhux f’kaz kif provdut xort'ohra b'dan il-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu ... jipprovdi ghal xi kondizzjoni

ta’ impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku, minflok dawn il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att".

Li ried jezamina t-Tribunal huwa l-kundizzjoni ta' licenzjament kif imnizzla fil-kuntratt hix fil-fatt inferjuri ghal dak li tistipula l-ligi. Il-kuntratt in kwistjoni jidher li jkun qed effettivament itawwal il-*probation* ghal perijodu indefinit hlief li n-*notice* ikun fiss, dak ta' xahar. It-tul indefinit tal-perijodu ta' *probation* jirrendi l-impieg tal-Appellant wiehed prekarju. Dana fil-fatt jirrendi l-kundizzjoni in ezami bhala manifestament anqas favorevoli minn dak li titlob il-ligi. Licenzjament skond il-ligi tista tkun "tkeccija ngusta" jew ghal raguni ta' *redundancy* jew ghal xi raguni xierqa (ara definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" fl-Artikolu 2 tal-Kap 452). Dan huwa msahhah ukoll bl-Artikolu 36(3) fejn hemm indikat car li impjegat jista jtemm l-impieg tieghu minghajr ma jaghti raguni, salv li jrid jirrispetta l-perijodu tan-*notice* kif specifikat fis-sub-artikolu 5. Mill-banda l-ohra l-principal jista jinvoka biss ir-*redundancy* jew kawza gusta.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ghal dawn ir-ragunijiet jichad l-eccezzjoni sollevata mill-Kumpanija Appellata u jordna li l-kaz jitkompla fuq il-meriti.”

Sussegwentement l-istess Tribunal Industrijali ddetermina definittivament il-kwestjoni fit-2 ta’ April, 2008 permezz tad-decizjoni hawn taht riprodotta:-

**“1. Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors maghmul f'isem Michael George Done fit-2 ta' Gunju 2006 li fih gie allegat li dan kien gie licenzjat illegalment mill-impieg tieghu mas-socjeta Rimus Riley Ltd (C3193) fl-4 ta' Mejju 2006. L-Appellant kien assistit mill-Avukat Kristian Grima.

Il-Kumpanija Appellata, li kienet rapprezentata mis-Sur Kynan Muscat Scerri, *Managing Director,* assistit mill-Avukat Paul Farrugia, innegat dan.

Inzammu tnax il-seduta.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali ma kienx f'pozizzjoni li jisma' u jaqta' l-kaz fiz-zmien preskritt ta' xahar minhabba differimenti spissi u twal li ntalbu kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' infrastruttura li jkollu jhabbat wiccu maghhom l-istess Tribunal. Irid jinghad ukoll illi fit-tliet xhur tas-sajf it-Tribunal kellu jissospendi s-seduti kollha peress illi ma gietx lilu moghtija l-assistenza infrastrutturali li kien jinhtieg biex isiru s-seduti.

<u>2. Fatti tal-Kaz</u>

Il-Kumpanija Appellata tirritjeni li l-Appellant, li gie impjegat bhala *Export Manager* b'salarju ta' Lm9,500 fis-sena u *performance bonus,* naqas li jaqdi d-doveri tieghu sewwa u ma pproduciex il-volum ta' esportazzjoni mistenni minnu. Kellha ghaldaqstant, wara li wissietu diversi drabi, tillicenzjah.

L-Appellant jichad dan u jghid li x-xoghol ta' esportazzjoni jirrikjedi certu zmien biex jimmatura u jaghti l-frott u fil-fatt wara li ghadda certu perijodu l-hidma tieghu bdiet tati rizultat. Tant hu hekk illi minn zmien qabel dahal hu meta l-esportazzjoni tad-ditta kienet negligibbli sakemm kien licenzjat kien registrat volum konsiderevoli ta'

esportazzjoni u dana kien dovut esklusivament ghall-isforzi tieghu.

**3. Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz pprezenta lit-Tribunal problema kbira ta' kredibilta. Minn naha l-wahda ghandna l-Kumpanija Appellata tirritjeni li l-Appellant waqt il-perijodu lavorattiv tieghu ipproduca ftit li xejn xoghol kuntrarjament ghal dak li kien rikjest mill-kuntratt tieghu. Mill-banda l-ohra l-Appellant jirritjeni li l-isforzi kbar tieghu rrizultaw f'esportazzjoni li lahqet volum qawwi.

Gie stabbilit li f'perijodu ta' ftit iktar minn sentejn (mill-2004 sa l-2006) kien hemm esportazzjoni ta' €800,000 meta qabel ftit li xejn kien jigi esportat. Ma kienx hemm nuqqas ta' qbil fuq din is-somma. Li ma kienx hemm qbil kien dwar min kien responsabbli biex tintlahaq din il-figura. Kienet rizultat tal-hidma ta' l-Appellant, jew sforz il-hidma ta' xi direttur tal-Kumpanija Appellata?

Dak li forsi seta' jitfa xaqq dawl fuq l-isforzi o meno ta' l-Appellant kien l-episodju tal-importatur Franciz Leader Price. Dana beda jimporta mill-Kumpanija Appellata wara attivita li saret qabel, waqt u wara Fiera gewwa Parigi. Ix-xhud indipendenti u awtorevoli Josephine Vassallo tghid bla tlaqliq li l-introduzzjoni u eventwali success ta' din l-operazzjoni kienet esklusivament frott tal-hidma ta' l-Appellant u ta' hadd iktar. Tghid li bhala r-rapprezentanta ta' *Malta Enterprise* f'Parigi hija tkellmet biss ma' l-Appellant f'dan il-kaz u huwa biss zamm kuntatt kontinwu maghha.

Fin-nuqqas ta' qbil taz-zewg partijiet dwar il-fatti t-Tribunal kellu bilfors jistrieh fuq il-bilanc ta' probabbilita. F'keffa wahda tal-mizien kien hemm l-akkuza li l-Appellant ma kien wettaq kwazi xejn fis-sentejn u hames xhur li kien ilu impjegat. Fil-keffa l-ohra l-asserzjoni ta' l-Appellant li kien

hadem bis-shih u l-hidma tieghu kienet isssarfet f’success li seta' jitkejjel.

Fl-opinjoni meqjusa tat-Tribunal il-verita tidher li xxaqleb lejn it-tezi ta' l-Appellant u ghalhekk ma kien ma kienx hemm lok ta' tkeccija. L-Appellant talab li barra li jinghata rimedju ghat-tkeccija tieghu jsir ukoll il-hlas tal-*performance bonus* ghas-sena 2005 u parti mis-sena 2006. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan ghas-semplici raguni li l-*performance bonus* imsemmi fil-kuntratt ta' xoghol ta' l-Appellant jirriferi biss ghas-sena 2004. L-Artikolu 7 tal-kuntratt jghid testwalment "*A performance bonus for 2004 is to be given according to the following levels...*" Il-kuntratt huwa kompletament sieket dwar is-snin ta’ wara l-2004. Id-dicitura ma tista' bl-ebda mod tiggebbed u tigi interpretata li tapplika ghal xi sena jew snin ohra molto piu' li l-kuntratt kien wiehed indefinit.

**<u>4. Decizjoni</u>**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-licenzjament ta' l-Appellant Michael George Done minn mal-Kumpanija Appellata Rimus Riley Ltd (C3193) kienet ghal raguni li la hija gusta u lanqas sufficjenti.

**<u>5. Kumpens</u>**

It-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-Appellant mill-Kumpanija Appellata fl-ammont ta' €22,129 (Lm9500) li jridu jigu mhallsa sa mhux iktar tard mill-15 ta' April 2008.

B'hekk jintemm dan il-Kaz

**<u>6. Drittijiet</u>**

Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' € 93.17 (Lm40) kull wiehed.”

Fil-konfront ta’ dawn iz-zewg sentenzi s-socjeta` intimata appellat bl-aggravji f’din l-ordni:-

(1) Il-klawsola 4 tal-kuntratt ta’ impjieg ma tivvjolax id-dettami ta’ l-Artikolu 42 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali;

(2) It-Tribunal naqas milli jaghmel ezami logiku u komplet tal-provi kompilati;

(3) Ukoll, it-Tribunal naqas milli jiggustifika l-kwantum tal-kumpens likwidat minnu;

(4) It-Tribunal ghadda ghall-gudizzju meta ghad hemm pendenti proceduri ohra separati li jattakkaw il-kostituzzjonalita` tieghu;

B’introduzzjoni ghall-ewwel motiv ta’ aggravju hu provvdut fl-Artikolu 42 tal-Kapitolu 452 illi fejn kuntratt ta’ servizz bejn l-impjegat u l-principal tieghu jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta’ impjieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta’ dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fl-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqs li kieku minflok dawk il-kondizzjonijiet l-ohra anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fl-Att;

Issa fil-kaz ta’ temm ta’ impjieg l-Att imsemmi jahseb fl-Artikolu 36 tieghu sew dwar il-modalita` ta’ l-avviz li jrid jinghata kif ukoll dwar il-kumpens li jrid jithallas lill-impjegat. Fil-kaz ta’ impjieg ghal zmien bla limitu, kif inhu l-kaz in ispecje, l-inciz (5) ta’ l-imsemmi artikolu jelenka t-tul tal-perijodu ta’ l-avviz ta’ temm ta’ dak l-impjieg. Dan “minkejja kull ftehim kuntrarju”. Hu mahsub, imbaghad, skond l-inciz (10) ta’ dak l-artikolu illi fejn principal jonqos li jaghti avviz kif regolat bl-Att huwa jkun soggett li jhallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha

tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz. Naturalment, u indipendentement minn dak l-avviz u salv ukoll ghal kwestjoni ta' *redundancy* fejn jinstab li ma jkunx hemm raguni tajba u sufficjenti ghal dak it-temm ta' impjieg il-kumpens huwa kif regolat bl-Artikolu 81 (2) ta' l-Att;

Apparti dak rilevat mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu tal-25 ta' Ottubru, 2006 huwa evidenti illi l-klawsola 4 tal-kuntratt ta' impjieg li jipprefiggi "*one month notice in writing*" ghat-temm tar-rapport tax-xoghol u minghajr ma jzid xejn aktar huwa anqas favorevoli ghall-appellat mid-disposizzjonijiet varji ta' l-Att. Anke jekk trattasi minn kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit ghall-istess konkluzjoni wasslet il-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, in re: "**Avukat Dottor Hugh Peralta *nomine* -vs- Vincent Falzon *et nomine***", 19 ta' Mejju 1986 u fejn ukoll, incidentalment, il-kuntratt kien jipprovdi ghal terminazzjoni ta' impjieg bis-semplici ghoti ta' "*four weeks notice in writing*". Ikollu jigi ripetut illi kif wisq tajjeb affermat mill-istess Qorti ta' l-Appell fil-gurisdizzjoni civili taghha, "in linea ta' principju l-ligi li tirregola l-impjiegi u l-hlas tax-xoghol tippartecipa mill-ordni pubbliku u ma ghandhiex tigi indebolita" ("**Vioctor Quintano -vs- Anthony Phillips *et***", 15 ta' Lulju, 1969). In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u dik tal-principju tat-tutela akkordata mill-Att lill-impjegati in generali, l-ewwel aggravju qieghed jitqies insostenibbli;

Bi preliminari ghat-tieni motiv ta' aggravju konvergenti fuq ir-ragonament tat-tkeccija ta' l-appellat jigi premess illi, bhal kuntratti kollha in generali, kuntratt ta' impjieg jippartecipa hu wkoll ghal dik li hi adempjenza minn dak tal-kuncett tad-diligenza li jippreskrivi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Fit-tipologija ta' dan il-kuntratt, id-diligenza, hekk rapprezentativa tal-kriterju oggettiv ghal valutazzjoni ta' l-adempiment mill-impjiegat, tigi mkejla skond in-natura tal-prestazzjoni u fuq il-bazi tax-xorta ta' attivita rizultanti mill-mansjonijiet definiti mill-kuntratt. Wisq ragonevolment fil-kaz ta' impjieg li jgorr mieghu responsabilitajiet akbar fl-iskala gerarkika tal-kumpanija jew ta' l-organizzazzjoni li

tkun, dak l-istess obbligu tad-diligenza necessarjament jircievi intensita` aktar magguri;

Kwestjoni bhal din timporta valutazzjoni ta’ fatt li jrid isir mit-Tribunal adit fil-mertu tal-kontroversja sottomessa lilu. Sta ghalih li japprezza jekk l-agir ta’ l-impjegat fl-espletar tal-mansjonijiet lilu affidati kienx ta’ kwalita` tali li jincidi negattivament fuq dik tad-diligenza aspettata minnu. Ovvjament, f’dan l-ezercizzju ma tistax tigi traskurata l-konsiderazzjoni illi jibqa’ dejjem oneru ta’ min ihaddem li jgib il-prova li tikkonnetti dak l-istess agir jew kondotta ta’ l-impjegat tieghu mal-qaghda ta’ l-inadempiment u ta’ dak l-estrem dixxiplinarju kostitwit mil-licenzjament;

Fil-kaz prezenti l-kumpanija appellanti tadduci b’raguni ghat-temm ta’ impjieg ta’ l-appellat ir-rendiment skars fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu u li dan l-inadempjiment fid-dmirijiet wassal biex ma jintlahaqx ir-rizultat profess mill-kuntratt ta’ ftehim; in partikulari, il-miri partitament elenkati fl-ewwel klawsola tal-kuntratt. Indubbjament, fil-kazijiet kongruwi kieku dawn l-allegazzjonijiet tal-kumpanija appellanti jigu pruvati, anke ghal dik li hi l-gravita` tan-nuqqasijiet, l-istess kienu jillegittimaw il-licenzjament. Fil-fattispeci pero` t-Tribunal, wara li rrifletta fuq il-provi prodotti, hass li dawk l-allegazzjonijiet ma rrizultawx ipprovati jew, almenu, ma kienux talment sorretti li jwasslu ghal konvinciment illi l-kawza tat-tkeccija kienet wahda gustifikata. Huwa ddetermina illi r-rizoluzzjoni tal-kwestjoni li kellu quddiemu kienet essenzjalment wahda li tiddependi mill-kredibilita` u l-valur tal-versjonijiet u li, fil-fehma tieghu, kellu jaghti aktar affidament lill-versjoni ta’ l-appellat milli lil dik tal-kumpanija appellanti. F’dan l-istharrig it-Tribunal ma strahx biss fuq il-gudizzju diskrezzjonali tieghu imma sab element ta’ korroborazzjoni ghal dik il-konkluzjoni tieghu fix-xhieda indipendenti ta’ Josephine Vassallo;

Premessa din l-esposizzjoni ta’ l-investigazzjoni fattwali maghmula mit-Tribunal, jigi osservat illi biex din il-Qorti

jkollha gurisdizzjoni li tistharreg u tinvesti t-tieni aggravju devolut lilha ried jintwera li l-ilment hu bazat fuq punt ta’ ligi [Artikolu 82 (3) ta’ l-Att]. Oggettivament, mill-korp tar-rikors ta’ l-appell il-Qorti ma tirravviza ebda punt ta’ ligi bhal dan. L-aggravju kollu tas-socjeta` appellanti hu arginat fuq is-sottomissjoni illi t-Tribunal injora certi rizultanzi istruttorji, irrikorra ghal certi provi parzjali u ghamel valutazzjoni errata. Hi, invece, tippretendi illi t-Tribunal kien messu qaghad fuq il-provi avvanzati minnha, komprizi l-*warnings* li nghataw minnha lill-appellat u l-aktar dik tar-rizultanza probatorja illi l-appellat ma kienx iggenera bizzejjed bejgh sabiex jiggustifika l-posizzjoni tieghu ta’ export manager fl-azjenda. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti din l-impostazzjoni tas-socjeta` appellanti, apparti li ma tikkontjeni ebda punt ta’ ligi *ut sic,* hi wkoll wahda zbaljata u irraggonevoli in kwantu t-Tribunal kellu d-dmir li jgharbel il-fatti fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi biex minnhom jistabbilixxi l-kredibilita` tal-provi migjuba quddiemu. Jekk minn dan l-ezercizzju sab li l-mizien tal-kredibilita` jeghleb favur l-appellat, b’daqshekk ma jigix li l-motivazzjoni tas-sentenza ghandha titqies inkongruwa jew illogika. Fuq kollox, li taht il-pretest li l-motivazzjoni ma kienetx sobrija, din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament fattwali maghmul mit-Tribunal. Anke dan it-tieni aggravju qed jigi determinat bhala infondat;

Dwar it-tielet motiv ta’ aggravju huwa implicitu fid-decizjoni appellata illi l-kwantum tal-kumpens likwidat mill-Bord jinsab f’korrispondenza mat-telf ta’ sena salarju ta’ l-appellat u dan mhux inkompatibbli ghal dak li tghid il-ligi fil-proviso ghall-Artikolu 81 (2) (a). Mill-kumplament, u apparti l-principju tal-poter diskrezzjonali affidat lil kull tribunal, din il-Qorti ma tarax ghaliex dik il-likwidazzjoni ghandha tkun sindakabbli minnha meta tirrizulta hekk logika u koerenti ma’ l-elementi fattwali utilizzati mit-Tribunal fil-parti razzjonali tas-sentenza. Dan l-aggravju qieghed jigi respint;

L-ahhar motiv ta' aggravju hu mbaghad assolutament bla bazi. Apparti li sal-lum it-Tribunal Industrijali ma jirrizulta minn ebda decizjoni li hu kostituzzjonalment delegittimat, f'kull kaz dak sottomess hu punt ghal kollox gdid sollevat ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti. *Ex facie* l-inkartament tal-kaz, dan il-punt mhux biss ma kienx jifforma kontroversja quddiem it-Tribunal izda lanqas biss ma gie mis-socjeta` appellanti mqanqal fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha (fol. 343) u wisq anqas dibattut jew deciz mill-istess Tribunal. Kif inhu wisq konkordi, Qorti ta' revizjoni ma tistax, u ma ghandhiex, tezamina l-mertu ta' kwestjoni *noviter deductus* f'rikors ta' appell. Ara "**Carmel Galea -vs- Albert Mizzi *et nomine***", Appell, 23 ta' April, 2001 u "**Adrian Busietta *proprio et nomine* -vs- Philip Gatt *proprio***", Appell, 30 ta' Mejju, 2008.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tichad l-appell fl-erba' kapi ta' l-aggravji tieghu u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------